MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 83/2005

**A B, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri C u D**
**vs**
**E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Mejju 1993 hekk kif jirrizulta mill-estratt tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. FS 1;

U premess illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt itfal ilkoll minorenni li jisimhom C ta' 10 snin u D ta' 7 snin;

U premess illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibli, stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' vjolenza, sevizzi, mohqrija, minacci, theddid, insulti u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess attrici, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment b' tort uniku tal-istess konvenut;

U premess illi l-konvenut kien gie ordnat pendente lite sabiex ihallas l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) fix-xahar bhala manteniment ghall-attrici u l-minuri wliedhom (Dok. FS 2) pagabbli direttament mill-paga tieghu;

U premess illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja digriet numru 53/05 datat 24 ta' Jannar 2005 hawn anness u mmarkat Dok. FS 3;

U premess illi b' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni tas-27 ta' Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (Dok. FS 4 hawn anness) il-kontendenti kienu xoljew, illikwidaw u qasmu l-beni kollha appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejniethom, iddikjaraw liema kienu l-beni parafernali u ghazlu li mill-kuntratt il-quddiem ir-regim matrimonjali taghhom ikun regolat bir-regoli appartenenti ghas-separazzjoni tal-beni.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportua, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut.

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-attrici martu ghaliha u ghal uliedhom minuri fuq imsemmija C u D, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi

dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.

3. Taffida l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija C u D f' idejn l-attrici, salv kull provvediment xieraq ta' access favur il-konvenut li din il-Qorti jidrilha ghandha tipprovdi fl-ahjar interess ta' l-istess minuri.

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attrici.

5. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inkluz izda mhux biss, il-fond 62 Flat numru 3 u garage numru 14 f' Bellic Street, Qormi filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/ jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix u tabita fil-fond 62 Flat numru 3 u garage numru 14 f' Bellic Street, Qormi li hija proprjeta' parafernali taghha u dana ad eskluzjoni tal-konvenut mill-istess dar u garage, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex jirrilaxxja l-istess dar u garage vakanti favur l-attrici.

7. Taghti kull provvediment xieraq u opportun dwar ir-regim matrimonjali tal-kontendenti u l-assenjazzjoni tal-beni tal-partijiet.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u tal-Medjazzjoni kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti jaqbel ma’ l-ewwel talba attrici limitatament ghal dikjarazzjoni u pronunzja ta’ separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dikjarazzjoni illi l-partijiet jghixu separatament minn ma’ xulxin, u dan peress illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-attrici, u cioe’ minhabba ingurji, sevizzi u minacci gravi, illi rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibli;

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-attrici ghadha zghira u hija ferm kapaci illi tahdem u taqla’ l-ghixien taghha, kif del resto diga’ taghmel, u inoltre diga’ ghandha mezzi u assi sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha kif ukoll illi tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal minuri tal-partijiet, u ghaldaqstant ma hemmx lok ghal hlas ta’ manteniment ghaliha , skond il-Ligi;

3. Illi ghar-rigward tat-talba ghall-hlas ta’ manteniment ghal ulied il-partijiet, jigi rilevat illi in virtu’ ta’ digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-8 ta’ Novembru 2004, l-eccipjenti diga’ gie ordnat illi jhallas is-somma mensili ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) in linea ta’ retta alimentarja ghall-istess minuri, liema somma hija ferm eccessiva relattivament ghall-mezzi ta’ l-istess eccipjenti u ghalhekk, din is-somma ghandha tigi riveduta skond ic-cirkostanzi godda tieghu, kif ukoll tenur kont tal-mezzi ta’ l-attrici, kif jista’ jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghall-akkoljiment tat-talba illi kwalunkwe manteniment talvolta likwidat tigi mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh mill-impjieg jew xoghol ta’ l-eccipjenti jew b’ standing order;

5. Illi t-tielet talba attrici wkoll ghandha tigi michuda fl-intier taghha, in kwantu ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata lill-attrici, izda jkun ahjar illi dina tigi fdata lill-istess eccipjenti;

6. Illi r-raba' talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici peress illi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti ta' l-eccipjenti, izda biss da parti ta' l-attrici u kwindi, l-istess provvedimenti ghandhom jigu kkominati interament kontra l-attrici;

7. Illi ghalkemm ma hemm l-ebda oggezzjoni ghall-akkoljiment tal-hames talba limitatament ghal dikjarazzjoni illi l-fondi 62 Flat numru 3 u garage numru 14 gewwa Bellic Street, Qormi, huma di proprjeta' parafernali ta' l-attrici, il-bqija tat-talba hija opposta stante illi l-eccipjenti ma ghandu l-ebda beni parafernali jew dotali ta' l-attrici fil-pussess tieghu, anzi hija l-attrici illi ghandha fil-pussess taghha beni parafernali ta' l-eccipjenti u inoltre hija wkoll debitrici ta' l-istess eccipjenti fis-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000);

8. Illi s-sitt talba ukoll ma hijix opposta u effettivament, l-eccipjenti jirrileva illi l-attrici diga' qieghda tghix u tabita fil-fond 62 Flat numru 3 u l-garage numru 14 gewwa Bellic Street, Qormi, ad eskluzjoni tieghu wara illi l-istess attrici hadet il-ligi f' idejha u biddlet is-serraturi tal-fondi msemmija b' dan illi l-eccipjenti ilu jigi mcahhad mill-access tieghu ghad-dar matrimonjali sa minn Novembru 2004;

9. Illi s-seba' talba wkoll ma hijix opposta in vista ta' dak eccepit fil-paragrafu numru sebgha tan-nota ta' eccezzjonijiet de quo.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat [illum Imhallef] Dottor Mark Chetcuti [Vol.3 fols. 554 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali peress li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, unikament tort tal-konvenut, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jichad it-tort imputat lilu, u jattribwixxi l-htija tat-tkissier taz-zwieg unikament lill-attrici, fit-termini ta' l-artikolu precitat.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1993, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, C u D, li llum ghandhom 17-il sena u 14-il sena, rispettivament.

Illi minhabba l-inkwiet matrimonjali li kienu qed jesperjenzjaw il-partijiet, u fid-dawl tal-fatt li l-attrici kienet ser wirtet somma sostanzjali ta' flus li hi kellha l-hsieb li tinveswti fl-proprjeta', il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fis-27 ta' Gunju 2003.

Illi mill-provi jirrizulta car li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; u f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fis-sezzjoni ntestata 'Konsiderazzjonijiet' [Vol.2 fols.561-562], u taddotta l-istess fl-intier taghhom. Il-qorti taqbel mal-osservazzjoni *"li dak li wassal ghat-tkissir taz-zwieg kien l-agir tal-konvenut li ma gharafx jaghti l-importanza necessarja liz-zwieg, u s-serhan tar-ras fis-sigurta' finanzjarja lil familtu billi kien iberbaq il-flus fil-loghob"* [Ibid.]; u tqabel mal-konkluzjoni li l-htija tal-firda tirrisjedi unikmanet fuq il-konvenut, stante li dan bil-komportament tieghu, abitwali u ripetut, kien irrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza

matrimonjali. Ghalhekk jikkonfiguraw fil-konfront tieghu s-sevizzi kontemplati fl-artikolu precitat.

Illi rigward l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 b’ referenza ghall-artikolu 52 tal-Kap.16, il-Qorti, filwaqt li tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li l-komportament tal-konvenut fiz-zwieg kien tali li jirrendi xierqa l-applikazzjoni ta’ l-imsemmi artikolu fil-konfront tieghu, izda, minn naha l-ohra, ma taqbilx li l-istess sanzjonijiet ghandhom jigu applikati fil-konfront ta’ l-attrici, stante li din m’ghandhiex tort ghall-firda, u li d-dekadenza hija konsegwenzjali ghal dikjarazzjoni ta’ htija gha-separazzjoni.

**Kura u Kustodja**
Illi anke f’ dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet fl-intier taghhom tal-perit legali; u konformament tordna li, filwaqt li l-kura u kustodja tat-tfal minuri, tibqa’ wahda kongunta bejn iz-zewg genituri, it-tfal jibqghu jghixu ma’ l-omm, b’ access favur il-missier kull nhar ta’ Hadd mill-10.00 am sal-5.00 pm; kif ukoll fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena, bl-istess hinijiet; u fil-birthdays tat-tfal, fejn l-access ikun ta’ tlett sieghat, skond l-ezigenzi tat-tfal. Fil-vakanzi tas-sajf l-access tal-missier jigi mizjud ghal darba fost il-gimgha, ukoll kull nhar ta’ Erbgha, jew gurnata ohra miftehma bejn il-partijiet, mis-1.00 pm sad-9.00 pm.

**Dar Matrimonjali**
Illi l-fond 62/3 Bellic Street, Qormi u l-garage numru 14, mixtri mill-attrici fil-11 ta’ Awwissu 2003 huma proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, u d-dar m’ ghandhiex tibqghu jitqies aktar bhala l-fond konjugali, u ghalhekk il-konvenut m’ ghandu ebda drittijiet ta’ ebda natura fuq dawn il-fondi jew fuq il-mobbli ta’ go fihom.

**Manteniment**
Illi l-Qorti, wara li ezaminat il-provi fir-rigward, inkluzi dawk li tressqu wara l-prezentata tar-rapport tal-perit legali u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluzi l-mezzi tal-partijiet, il-kapacita’ ta’ l-attrici li tahdem, kif fil-fatt kienet qieghda taghmel qabel ma tterminat volontarjament l-impieg taghha qabel is-seduta ta’ 1 ta’ Dicembru 2010

[Vol.3 fols.593 et seq.] u wkoll tenut kont ta’ l-eta’ ta’ l-ulied illum, liema cirkostanza tippermettilha grad ta’ ndipendenza u ghalhekk aktar opportunita’ li terga’ ssib xoghol, hija tal-fehema li l-manteniment dovut lill-attrici ghaliha [bhala l-parti mhux hatja tal-firda] u ghat-tfal ikun ta’ €302.9 [LM130] kull erba’ gimghat ghal kull wild sakemm l-istess wild jisir maggjorenni, jew jibda jahdem bi qligh regolari u adegwat, u ta’ €140 [LM60] kull erba’ gimghat ghall-attrici limitatament ghall-perijodu ta’ sena; gheluq is-sena r-retta alimentarja dovuta lill-attrici tispicca; izda, dan il-manteniment jibqa’ dovut tul il-perijodu ta’ sena, anke jekk l-attrici f’ dan il-perijodu tkun qed tahdem bi qliegh.

Illi l-manteniment tat-tfal jghola kull sena skond l-gholi tal-hajja kif muri fl-indici ufficjali tal-Gvern; u l-manteniment, kemm tat-tfal kif ukoll tal-mara ghandu jinqata’ direttament mill-qligh jew introjtu tal-konvenut.

Illi pero’ il-Qorti qed tafferma d-dritt ta’ l-attrici, bhala l-parti mhux hatja tal-firda, li titlob manteniment, f’ gudizzju separat, minghand il-konvenut kemm-il darba l-attrici, ghar-ragunijiet mhux fil-kontroll taghha [bhal perezempju mard serju] tisfa’ bla mezzi biex tmantni lilha nnifisha.

**Flejjes**

Illi fdan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sezzjonijiet ntestati ‘Flus il-Bank’ u ‘Flus ohra’, u taddotta fl-intier tieghu l-kontenut taghhom.

Ghalhekk tordna li l-kontijiet bankarji, indikati fl-istess parti tar-rapport, jibqghu proprjeta’ tal-kontendenti li fuqhom huma ntestati l-kontijiet.

Inoltre, tikkonferma l-kreditu ta’ €6,988.12 li l-konvenut ghandu fil-konfront ta’ l-attrici.

In fine, tiddikjara li l-Bonds ta’ circa €2,300 jappartjenu lill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija esklussiva tal-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament u fis-sens kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja.';
[4] tilqa' ir-raba talba u tapplika fl-intier tieghu l-artikolu 48 fil-konfront tal-konvenut;
[5] tilqa' il-hames talba limitatament ghall-fondi hemm indikati u l-mobbli; u tichadha in kwantu ghal ordni ta' ritorn lill-attrici ta' oggetti dotali/parafernali taghha; filwaqt li tilqa' is-seba' eccezzjoni tal-konvenut, u tordna li l-attrici tirrifondi lill-konvenut is-somma fuq indikata ta' sitt elef, disa' mija tmienja u tmenin ewro u tnax il-centemzu [€6,988.12];
[6] tilqa' is-sitt talba;
[7] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Baldacchino';

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------